# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 33**

**Rikors numru 114/13AL**

**Gemma Marchett**

**v.**

**Alfred Marchett**

**PRELIMINARI.**

1. Din is-sentenza titratta dwar **appell** tal-konvenut u **appell inċidentali** tal-attriċi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tal-10 ta' Lulju 2018:

- Permezz tal-**appell principali** il-konvenut Alfred Marchett qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

(i) billi tiddetermina li ma kienx ħati ta' adulterju abbażi tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili, u li kien inġust li tiġi imposta fuqu s-severita` kollha tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) billi tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti fis-sens li tinkludi kollox fiha, inkluż l-erba' vetturi fuq ismu, u li tara li l-likwidazzjoni ssir b'mod ġust u ugwali, mhux kif dehrilha l-ewwel Qorti;

(iii) billi fir-rigward tad-dar matrimonjali tiddetermina li din hija parti importanti mill-komunjoni tal-akkwisti, u mhux ma titqiesx aktar bħala d-dar matrimonjali u minnufih titqiegħed fuq is-suq;

(iv) billi tvarja l-ammont tal-manteniment dovut minnu lill-attriċi appellata, bi preġudizzju u tbatija żejda għalih, li hu riesaq lejn l-eta` ta' 76 sena;

(v) billi tiddetermina li r-responsabbilta` għat-tifrik u t-tkissir taż-żwieġ huwa imputabbli liż-żewġ kontendenti billi it-tnejn li huma kienu qed jagħmlu minn kollox biex

ma jsibux it-triq għar-rikonċiljazzjoni;

(vi) billi tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu ugwalment bejn il-partijiet.

Bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji ta' dan l-appell kontra l-attriċi appellata.

- Permezz tal-**<u>appell inċidentali</u>** l-attriċi Gemma Marchett qed titlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

(i) billi issib li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ hija attribwibbli kollha lill-konvenut (mhux kwart lilha u tliet kwarti lilu kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti);

(ii) billi b'riferenza għall-vettura Peugeot li ġiet assenjata lill-konvenut, tordna li hija għandha tirċievi nofs il-valur tagħha (€3,000) mill-kont konġunt tal-BOV 40020364537;

(iii) billi tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-konvenut kellu jieħu €19,000 mill-kont konġunt u tordna minflok li minn dan il-kont hija l-ewwel għandha

tippreleva €3,000 fir-rigward tal-vettura, imbagħad il-bilanċ jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

(iv) tirriforma l-parti fejn ġiet akkordata manteniment ta' nofs kull pensjoni u għajnuna soċjali li jipperċepixxi l-konvenut flimkien ma' €300 mensili li ġie ordnat iħallasha, u minflok tordna li l-manteniment għandu jkun nofs kull pensjoni u għajnuna soċjali li jirċievi l-konvenut (kif diġa` deċiż) flimkien ma' €400 mensili flok €300; u nofs il-pensjoni tal-konvenut għandha tibqa' titħallas direttament lilha mid-Direttur tas-Servizzi Soċjali, kif deċiż mill-ewwel Qorti;

(v) tordna li sakemm tinbiegħ id-dar matrimonjali (u l-garaxxijiet) tibqa' tgħix waħedha fid-dar matrimonjali, u l-konvenut għandu jibqa' jgħix fil-garaxx fejn hu mar igħix għal rasu, u f' dan is-sens il-garaxx għandu jingħalaq b'mod permanenti mill-bqija tad-dar; u għal dan il-għan għandu jiġi mqabbad perit biex jissorvelja x-xogħol li jekk meħtieġ għandu jsir bl-għajnuna tal-marixxalli tal-Qorti jew tal-Pulizija; bl-ispejjeż għall-konvenut;

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża, tal-kontro-talba, tal-appell u tal-appell inċidentali kontra l-konvenut appellant.

2. Il-kawża bdiet permezz ta' rikors ġuramentat li fih l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:-

> *"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza u theddid, minacci, ingurji gravi, sevizzi, u mohqrija lejn l-attrici maghmula mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta ta' karattru;*
>
> *"2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631 , 633 , 633A , 825 , 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut u favur l-attrici id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;*
>
> *"3. Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*
>
> *"4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u (hlief ghad-dar matrimonjali) taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lill-konvenut b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b' xi titolu iehor u b' dan ukoll illi l-attrici ghandha tinghatha d-dritt skont artiklu 55A tal-Kodici Civili li wahedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha;*
>
> *"5. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti (hlief id-dar matrimonjali) kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenut jidhru minfloku;*
>
> *"6. Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti parafernali li japparjenu lil-kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha;*
>
> *"7. Tordna li l-attrici wahedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 27, Triq Mahatma Ghandi, Fgura ad eskluzjoni ta' zewgha u dan skont artiklu 55A tal-Kodici Civili;*

*"8. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fil-gimgha ghaliha skont kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti".*

3. Min-naħa tiegħu l-konvenut ippreżenta rikonvenzjoni fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex:-

*"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata, kif ukoll minhabba sevizzi, minacci, insult, mohqrija, eccessi u ingurji gravi da parti taghha fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant, biex b'hekk iz-zwieg taghhom tkisser b'mod irremedjabbli;*

*"2. Tawtorizza lill-esponenti illi jghix separat mir-rikorrenti martu;*

*"3. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex thallas lil esponenti zewgha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess qorti skont il-mezzi tar-rikorrenti u l-bzonnijiet tal-esponenti pagabbli mir-rikorrenti lill-istess esponenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti;*

*"4. Tapplika kontra r-rikorrenti interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 53, 631, 633 u 633A tal-Kodici Civili (kap. 16);*

*"5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tkun konsiderata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil esponenti u l-ohra lill-istess rikorrenti billi, okkorrendo ghall finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lil eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*"6. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata tikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha parafernali tieghu;*

*“7. Tordna illi d-dar matrimonjali tigi okkupata eskluzzivament mill-esponenti u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan il-ghan;*

*“8. Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti”.*

4. Bis-sentenza tal-10 ta’ Lulju 2018 l-ewwel Qorti ddeċidiet:-

*“Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*“[1] Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Marchett bi ħtijiet ta’ adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtijiet ta’ sevizzi imputabbli lill-attriċi;*

*“[2] Tilqa’ t-tieni talba attriċi u tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, in toto, fil-konfront tal-konvenut;*

*“[3] Tilqa’ t-tielet talba attriċi billi qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Marchett;*

*“[4] Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrenti u tordna dan li ġej:*

*i. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f’isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv; Dana jfisser illi l-attriċi tibqa’ s-sid tad-depożiti ma’ Bank of Valletta p.l.c. li huma f’isimha u li flimkien jammontaw għal €19,000.*

*ii. Dwar id-depożitu fiss konġunt bejn il-partijiet ma’ Bank of Valletta p.l.c. innumerat 40020364537, il-konvenut għandu jiżbanka dsatax-il elf Ewro (€19,000) sabiex ikun ħa ammont ekwivalenti għall-attriċi. Il-Qorti tordna li l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet b’mod ugwali, u l-kont jingħalaq definittivament.*

*iii. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vettura tal-għamla Peugeot;*

*iv. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata l-għamara u l-appliances kollha li preżentement jinsabu fid-dar ġja matrimonjali;*

v. *Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat l-appliances li jinsabu fil-garage fejn jorqod huwa kif ukoll l-għodda kollha li għadha fil-pussess tiegħu.*

*"[5] Tiċħad il-ħames talba;*

*"[6] Tiċħad is-sitt talba attriċi fuq nuqqas ta' provi;*

*"[7] Tiċħad is-seba' talba u dwar id-dar ġja matrimonjali tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-fond 27, "Renzo", Triq Mahatma Ghandi, il-Fgura, m'għadux ikkunsidrat bħala d-dar konjugali tal-partijiet u qiegħda tordna illi l-fond u l-garaxxijiet ta' taħtu jinbiegħu fis-suq miftuħ. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-preżenti li fih il-partijiet għandhom jieħdu l-effetti personali tagħhom kollha mid-dar u jiżgumbrawha. Il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit AIC Tancred Mifsud u tordnalu sabiex fi żmien l-istess tliet xhur, iżomm aċċess fuq il-fond, jagħmel valutazzjoni tal-istess fond inkluż il-garaxxijiet, fl-istat attwali tagħhom u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu fl-atti ta' dan il-proċess.*

*Id-dar u l-garaxxijiet għandhom immedjatament jitpoġġew għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjetajiet, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħhom kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sena mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.*

*Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Francina Abela u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.*

*"[8] Tilqa' t-tmien talba u tordna:*

a. *lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sabiex jgħodd flimkien dak dovut lil kull wieħed mill-konjuġi Marchett bħala pensjoni u benefiċċji oħra bħala anzjani, jaqsam it-total ugwalment u jibgħat nofs lill-attriċi u nofs ieħor lill-konvenut.*

b. *lill-konvenut jgħaddi lil martu l-attriċi, is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar bħala manteniment għaliha. Dan il-manteniment jiżdied ta' kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.*

*"[9] Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Marchett bi ħtijiet ta' adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtijiet ta' sevizzi imputabbli lill-attriċi;*

*"[10] Tilqa' t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant;*

*[11] Tiċħad it-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant;*

*"[12] Tilqa' r-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant limitatament billi tapplika fil-konfront tal-attriċi id-dsipożizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili;*

*"[13] Tilqa' l-ħames talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dwar il-komunjoni tal-akkwisti tordna li jsir kif diġa intqal;*

*"[14] Tiċħad is-sitt talba tal-konvenut rikonvenzjonant fuq nuqqas ta' provi;*

*"[15] Tiċħad is-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dwar id-dar ġja matrimonjali tordna li jsir kif diġa intqal;*

*"[16] Tilqa' t-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tawtorizzah jirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;*

*"Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż l-ispejjeż tal-Perit Arkitett Tancred Mifsud nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jiġu sapportati in kwantu għal kwart mill-attriċi u tliet kwarti mill-konvenut.*

*"L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tal-propjeta' komuni bejn il-partijiet, ikunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.*

*"L-ispejjeż tal-Avukat Dottor Francina Abela u l-Prokuratur Legali Peter Sammut nominati iktar 'il fuq f'din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi."*

**RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut Alfred Marchett (30.07.2018).**

5. L-aggravji tal-kovenut:-

**L-ewwel aggravju** - *l-adulterju*

(i) Fl-ewwel lok jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien ħati ta' adulterju abbażi tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili. Isostni li dan imkien ma rriżulta li kien il-każ; anzi jsostni li pjuttost hu l-kuntrarju għaliex hija dejjem barra u "*wieħed jista' jissottometti li din għandha relazzjoni ma' waħda mill-ħbieb intimi tagħha*" u li allura jista' jiġi konkluż hija l-attriċi li hija adultera. Jilmenta li f'ċirkostanzi fejn kienet l-attriċi li abbandunatu, ma taħsillux, ma ssajjarlux, ma taqdih f'xejn u anzi tkażbru, tumiljah u tipprova tipprovokah u tagħmel rapporti foloz kontrih, kellu jsib *"carer"* Filippina biex tieħu ħsiebu u li huwa ta' dan iħallasha. Jargumenta li anke jekk bejniethom ġie skambjat kliem kumplimentuż, ma jirriżultax li kien hemm relazzjoni intima jew fiżika bejniethom. Iżid jgħid li anke meta siefru flimkien dan kien għaliex kellu bżonn ikun akkumpanjat. Jilmenta li jidher li kien propju minħabba l-"adulterju" li l-ewwel Qorti kkastigatu meta waħħlitu ¾ tal-ispejjeż u ċaħditu mid-drittijiet elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**It-tieni aggravju** - *il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti*

(ii) Fit-tieni lok isostni li t-<u>tliet vetturi</u> Subaru, Seat Ibiza u Ford

Escort mixtrija minnu kellhom jitqiesu bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti anke jekk ivversahom lit-tliet uliedu. Jargumenta li anke jekk forsi esprima x-xewqa li dawn jitqiesu bħala li huma ta' uliedu, l-ewwel Qorti kellha tinkludihom fil-komunjoni, għaliex uliedu ilhom is-snin ma jkellmuh u anke xehdu fuq fatti li ma humiex minnhom jew ippreġudikawh.

Isostni li d-<u>dar matrimonjali</u> wkoll kellha titqies bħala parti mill-komunjoni.

Dwar l-<u>għamara u *appliances*</u> li jinsabu fid-dar matrimonjali u l-<u>*appliances* u l-għodda</u> li li jinsabu fil-garaxx fejn jorqod, isostni li dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**It-tielet aggravju** – *id-dar matrimonjali tal-Fgura*

(iii) Fit-tielet lok jgħid li d-dar matrimonjali kellha tibqa' fil-komunjoni tal-akkwisti anke jekk tinqasam indiviżibbilment bejn il-partijiet u għandhom ikunu l-partijiet li jiddeterminaw bejniethom min se jibqa' fiha jew le, u jekk għandhiex tinbiegħ jew le.

**Ir-raba' aggravju** – *il-manteniment*

(iv) Fir-raba' lok ifakkar li kien dejjem hu li ħadem u stinka biex ġew akkwistati l-proprjetajiet immobbli. Jilmenta li għalkemm huwa għamel dawn il-proprjetajiet immobbli fuq isem it-tliet uliedu dawn mhux biss mhux qegħdin ikellmuh, iżda qed jieħdu l-kirjiet minnhom, u li minnhom qed jivversaw porzjon lil ommhom l-attriċi. Jilmenta li bid-deċiżjoni tagħha fejn ordnatlu jħallas lill-attriċi €300 fix-xahar, l-ewwel Qorti ippreġudikatu serjament. Jikkummenta li jekk l-attriċi (li hija 13-il sena iżgħar minnu) trid aktar flus għandha tmur taħdem.

**Il-ħames aggravju** – *ir-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ*

(v) Fil-ħames lok jilmenta li l-ewwel Qorti kienet preġudikata fil-konfront tiegħu billi ddeterminat li t-tkissir taż-żwieġ waqa' ¼ fuq l-attriċi u ¾ fuqu. Isostni li it-tnejn li huma, b'mod ugwali kienu responsabbli għat-tkissir għaliex it-tnejn li huma kien waslu fi stat li ma jistgħux jissaportu l-preżenza ta' xulxin.

**Is-sitt aggravju** – *spejjeż*

(vi) Finalment jgħid li hija inġustizzja preġudizzjali fil-konfront tiegħu li l-ispejjeż, inkluż dawk tal-perit arkitett Tancred Mifsud, għandhom jiġu sopportati ¾ minnu u ¼ mill-attriċi; u b'referenza għall-bejgħ tad-dar matrimonjali jgħid li ma jaqbilx li għandu jkun hemm spejjeż jew drittijiet notarili meta ġie impost fuq il-partijiet li din tinbiegħ (fis-suq liberu jew bis-subbasta). Bl-istess raġunar jgħid li ma jaqbilx li għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' xi avukat jew prokuratur legali li jistgħu ikunu involuti mingħajr ma jkun iddeċieda dwar l-għażla tagħhom.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-attriċi għar-rikors tal-appell tal-konvenut (07.03.2019).</u>**

6. L-attriċi tat ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha din il-Qorti għandha tiċħad l-appell, wara li argumentat li l-appell **null u għandu jiġi sfilzat** (i) kemm għaliex l-attur għajjarha li għandha karattru "skifuż" u (ii) kif ukoll għaliex il-forma tal-appell hija ħażina in kwantu dak li inkiteb qabel l-okkju.

**<u>APPELL INĊIDENTALI tal-attriċi (07.03.2019).</u>**

7. L-aggravji tal-attriċi huma:

**L-ewwel aggravju** - *ir-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.*

(i) Fl-ewwel lok ssostni li r-responsabbilta` ta' din is-separazzjoni taqa' unikament fuq il-konvenut. Dwar l-allegat adulterju tenfasizza li mill-korp tal-provi jirriżulta li l-konvenut għandu mara Filippina. Taċċenna wkoll għall-provi relattivi għall-attitudni arroganti tiegħu lejha (li kien jgħajjarha, jheddidha, iżommha nieqsa mill-flus, eċċ).

Tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti attribwiet ¼ tat-tort lilha. Issostni li l-ewwel Qorti ddeċidiet ħażin f'dan ir-rigward. B'referenza għar-reġistrazzjoni li ppreżentat (cioe` ir-recordings fuq is-CD) fejn tinstema' żżomm il-punt tagħha fil-konfront tal-konvenut tgħid li wieħed irid japprezza li hemm hija kienet qed tirreċta biex joħroġ il-veru karattru ta' żewġha. B'referenza għall-affidavits ta' uliedha tenfasizza li lkoll xehdu kontrih għaliex ma jifilhux jarawha kkalpestata minnu.

**It-tieni aggravju** - *il-manteniment.*

(ii) Fit-tieni lok tispjega li għall-bżonnijiet bażiċi tagħha (ikel, utilitajiet eċċ) għandha bżonn mas-€620 kull erba' ġimgħat; dan barra spejjeż oħra bħal trasport, tobba, mediċini u ħwejjeġ. Għalhekk barra nofs kull pensjoni li jieħu l-konvenut minn Malta u t-€300 mensili li l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut iħallasha, trid €100 iktar fix-xahar (cioe` €400 flok €300). Taċċenna għall-fatt li huwa għandu pensjoni mill-Awstralja u li għalhekk xorta ser jibqagħlu iktar f'idu minnha.

**It-tielet aggravju** - *il-komunjoni tal-akkwisti.*

(iii) Finalment tenfasizza li snin qabel dawn il-proċeduri huma diġa` kienu ser jisseparaw u kienu laħqu qasmu l-flejjes biex kull parti ħadet is-sehem tagħha. Tispjega li filwaqt li hija żammet il-flus fil-kontijiet personali tagħha (€19,000), hu kien berbaq jew ħeba l-parti assenjata lilu. Għalhekk targumenta li mhux ġust li l-konvenut għandu jippreleva €19,000 mill-kont komuni (biex jiġi daqs l-€19,000 li qegħdin fuq il-kontijiet personali tagħha) qabel ma l-bilanċ jiġi maqsum bejniethom. Issostni li l-flus li jinsabu fil-kont konġunt għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom mingħajr ma huwa jippreleva xejn.

Issostni wkoll li qabel ma jinqasmu l-flus li jinsabu fil-kont

komuni għandha tippreleva €3,000, ossia nofs il-valur tal-vettura Peugeot li ġiet assenjata lilu.

Għalkemm taqbel li d-dar matrimonjali tinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, issostni li sakemm tinbiegħ id-dar, ir-raġel għandu jiġi allontanat mill-istess dar minħabba l-attitudni u sevizzi li jwettaq kontriha.

**RISPOSTA TAL-APPELLANT għall-appell inċidentali tal-attriċi (28.03.2019).**

8. Fit-tweġiba l-konvenut ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**NOTA TAL-KONVENUT APPELLANT B' DOKUMENTI (04.04.2019):**

9. Ġimgħa wara li ppreżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-attriċi, il-konvenut ippreżenta nota flimkien ma' tmien dokumenti (Dok MA1 sa MA8). Dokumenti sfilzati b'digrieti tal-10 ta' April 2019 għaliex ma talabx l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet.**

**Eċċezzjoni tal-attriċi li r-rikors tal-appell hu null.**

10. Din l-eċċezzjoni hi fiergħa.

11. Il-fatt li qabel l-okkju l-konvenut għoġbu jdaħħal paragrafu bl-ittri kursivi sottotitolat “*mingħajr preġudizzju*” fejn iddikjara li qiegħed jappella bit-tama li hu u l-attriċi jitqegħdu fuq binarju ugwali, ma jirrendix l-appell null. Dan minkejja li dak hu paroli żejjed. L-appell lanqas mhu null minħabba li l-konvenut irrefera għall-attriċi bħala persuna li għandha “karattru skifuż”. Kieku riedet kellha jedd titlob provvediment mill-Qorti sabiex dak il-kliem jitħassar, iżda ċertament mhux li ssostni li l-appell hu null.

**<u>Adulterju.</u>**

12. Il-konvenut isostni li l-allegat adulterju da parti tiegħu (Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili) baqa’ ma ġiex ippruvat.

13. Fil-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef v. Angelo Micallef** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 ntqal:

> *“L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indizji u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallux ebda dubju f’min ghandu jiggudika”.*

14. Imbagħad fil-kawza **Gatt v. Cutajar nomine**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2010, intqal:

> *"Issa, l-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "l-kawzali l-aktar gravi li ghalih il-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali" (Vol. XXXVII Pt II p. 693). Huwa difficli li l-adulterju jigi ppruvat b'xhieda okulari. In vista ta' din id-diffikulta`, l- adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u cirkostanzi ohra li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju fil-mohh tal-gudikant illi fil-fatt l-adulterju jkun sehh. Huwa ormai pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza li ladulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, li, pero`, ghandhom ikunu gravi, precizi u konkordanti. Cirkostanzi illi semplicement jirriflettu hbiberija mas-sess oppost ma jwasslux ghall-prova ta' adulterju. Dan ghaliex dawn ic-cirkostanzi ma jikkonvincux lill-gudikant li dik il-hbiberija dahlet daqshekk il-gewwa u saret tant intima li necessarjament wiehed ragonevolment jippresupponi li sehh kongungiment karnali, li huwa l-element necessarju ghall-adulterju."*

15. Il-konvenut isostni li minn imkien ma jirriżulta li bejnu u l-"*carer*" Filippina tiegħu kien hemm xi relazzjoni intima, anke jekk bejniethom għaddew xi kliem "*kumplimentuż*". Fl-affidavit xehed[1]:

> *"Marti tgħid fix-xiehda tagħha li jien qed immur man-nisa. Pero nispjega li jien sesswalment ma jkollix x' naqsam magħhom minħabba raġunijiet mediċi hawnehkk nispjega li ser nesebixxa kopja ta' ċertifikat mediku bħala xhieda ta' dan. Jien nieħu pjaċir bil-kumpanija għaliex inħossni lonely u meta noħroġ inħobb inkun f' kumpanija ta' mara pero` biex nieħu drink jew niekol xi ħaġa, xejn iktar. Inħobb niżfen ukoll għax dan hu delizju tiegħi u fil-weekends ġieli mmur niżfen. Dan nagħmlu għall-kumpanija għaliex id-dar dejjem waħdi. Il-mara u t-tfal ma jkellmunix. X' hemm ħażin bill infittex daqsxejn ta' kumpanija għall-mistrieħ meta t-tfal qatt ma jinkluduni fil-festivitajiet tal-familja għaliex jgħidu lill-mara biss?*

F'affidavit ulterjuri[2] imbagħad xehed illi l-mara Filippina li għandu hija biss "*carer*". Jiċħad li għandu relazzjonijiet adulteri magħha:

[1] Fol 275 *et seq.*
[2] Fol 305 *et seq.*

jgħid li din għandha ħamsa u sittin sena m'għandhiex dawn l-affarijiet fuq moħħha iżda biss li taqdih. Dwar is-safra Sqallija jgħid li kienet hi li ssuġġeriet li jmur magħha u mal-ħabiba tagħha flimkien ma' grupp. Qal li t-tlieta li huma raqdu f'kamra waħda; hu f'sodda għalih u l-mara Filippina mal-ħabiba tagħha fuq sodda għalihom.

16. L-attriċi pero` ppreżentat provi oġġettivi (CD, ritratti u kartolini) li jwaqqgħu ferm il-verżjoni tiegħu li qatt ma kellu xejn intimu ma' nisa oħra.

17. Din il-qorti semgħet l-għaxar *recordings* li hemm fis-CD li ppreżentat l-attriċi[3]. F'tlieta minnhom jinstemgħu il-partijiet innifishom jargumentaw bejniethom, filwaqt li fis-sebgħa l-oħra jinstema' l-konvenut f'konverżazzjonijiet *online* bil-camera ma' mara.

18. F'uħud minnhom jinstema' jitkellem ma' Filippina li jisimha "**Rose Marie**" u li evidentement tgħix il-Filippini. Jinstema' jgħidilha:

- *show me your ******…you know what I like…..show me your *****….*
- *when I come up there I can touch you…*
- *when I come up there….i buy *******….big packets…*
- *don't go with other boys because don't forget I'm coming to see you from far away…*

19. F'oħrajn jinstema' qed jitkellem ma' mara Filippina oħra li jidher li jisimha "**Fe**" u li evidentement tgħix Malta u li joħorġu flimkien. Jinstema'

[3] Fol 174.

jgħidiha:

- *see you at eight, ok?*
- *when we're going out together?*
- *where we gonna go tonight? Wied il-Għajn, at that shop where there many Philippines there….beachclub?*
- *my sister said, cheering me up, she said, bring Fe for drink but not Monday and Tuesday. (*hi tissuġġerixxi *"tonight, we go tonight?"* u hu jgħidilha*, "tonight, ok").*

20. Tinstema' wkoll il-vuċi ta' sieħbu, fejn meta f'okkażjoni minnhom il-persuna bl-isem Fe tgħid li hija "*fully charged*", jgħid lill-konvenut, "*Iċċarġjata l-batterija qaltlek…jiġifieri mur aqlagħlha*".

21. Inoltre f'wieħed mir-*recordings* fejn jinstemgħu biss il-partijiet jargumentaw, il-konvenut jinstema' jgħid lill-attriċi li 'għandu' waħda iżgħar fl-eta` mill-attriċi, u li din il-mara tgħidlu "*lilek irrid"* u li tgħidlu kemm jaf imur man-nies u kemm hu intelliġenti. Meta l-attriċi issaqsih jekk hux se jieħu lil din il-mara *holiday*, jinstema' jgħid "*mela ma neħodhiex*!"

22. L-attriċi fix-xiehda tagħha tat-13 ta' Ottubru 2014 esebiet żewġ ritratti fejn jidhru l-konvenut u mara Filippina bħala koppja[4]. Spjegat li tali ritratti kien ħallihomlha żewġha stess fejn iċ-ċilindru tal-gass, sabiex tarahom. Qalet li barra r-ritratti ħalla biex tarahom, ukoll tliet kartolini[5]:

(1) For my Wonderful Boyfriend, datata "December 2013" li taqra

[4] Dok GM(i) u GM(ii), fil-folder esebit a fol. 215.
[5] Dok GM(iii), GM(iv) u GM(v), fil-folder esebit a fol. 215.

hekk:

*To my everdearest Freddie,*
*I wish you a life filled with love and care, as you filled mine with yours, you are the christmas present that I NEVER WANT TO LOSE.*
*May your Christmas sparkle with moments of love, laughter and goodwill and may the year ahead be full of contentment and joy.*
*With all my love, Langga"*

(2) Birthday wishes to the one I love, datata 07.01.2014 li taqra hekk:

*"To Alfred:*
*On your birthday, people know you are thinking about you. But non of them can love you the way I do…Im so glad that God sent you into this world and it seems such a great day to say that you make this world a better place to live in, I am glad to have met you.*
*Sometime in life you find a special friend, someone who changes your life just being part of it; someone who makes you laugh, someone who makes you believe that there really is good in the world;*
*BIRTHDAY is always special because it helps you to see how far you have come and how far you still to go –*
*HAPPY B-DAY sweetheart, to the most special person in my life, you are such a special blessing to me and I wish you a wonderful birthday from the bottom of my heart, Langga"*

(3) For my Valentine, datata "February 2014" li taqra hekk:

*"To my everdearest Alfred,*
*Valentine's day is more than just another day to say "I LOVE YOU". It's a special chance to celevrate you for being so…WONDERFUL, always, Fe xxx"*

23. Kompliet tgħid li l-konvenut stess kien qalilha li kien mar *weekend break* magħha Sqallija, u fir-rigward ippreżentat riċevuta maħruġa minn hotel f'Taormina, datata 13 ta' Lulju 2014.

24. Wieħed mill-obbligi taż-żwieġ hu dak tal-fedelta` (artikolu 2(2) tal-Kodiċi Ċivili). Il-provi li ssemmew jikkontrastaw mhux ftit mal-verżjoni tal-

konvenut li għandu biss "*carer*" anzjana ta' 65 sena li jħallasha biex tieħu ħsiebu u li jfittex in-nisa għall-kumpanija biss. Il-*video calls* maż-żewġ nisa Filippini, il-kartolini, ir-ritratti, u d-diskors li l-istess konvenut jinstema' jgħid lil martu <u>ma jħallux lill-qorti tiddubita li l-konvenut hu ħati ta' infedelta` fil-konfront ta' martu</u>. Il-problemi mediċi li semma ma ġew bl-ebda mod ippruvati permezz ta' provi ta' natura medika.

25. Fir-rigward tal-adulterju li l-konvenut jallega li wettqet martu, m'hemmx provi. Hemm biss allegazzjoni tal-konvenut li, "*Aktarx għandha xi wieħed jismu Mario*". Dik m'hijiex prova. Wisq anqas ma jirriżulta li għandha relazzjoni ma' mara kif donnu jimplika fir-rikors tal-appell tiegħu fejn jgħid li għaliex dejjem toħroġ u tiddeverti "*wieħed jista' jissottometti li għandha relazzjoni intima ma' waħda mill-ħbieb tagħha*".

**<u>Responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.</u>**

26. Il-partijiet ma jaqblux mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li għat-tkissir taż-żwieġ jaħti ¾ il-konvenut u ¼ l-attriċi. Il-<u>konvenut</u> isostni li hu u l-attriċi ikkontribwew ugwalment (50/50) għat-tkissir taż-żwieġ, filwaqt li l-<u>attriċi</u> ssostni li kien jaħti unikament (100%) il-konvenut.

27. L-ewwel Qorti, qieset ukoll aġir ieħor tal-konvenut li ġie ppruvat mill-verżjoni tal-attriċi u xhieda li ressqet, u wkoll mir-recordings u dokumenti eżibiti. Hekk per eżempju:-

- kien iżommha nieqsa mill-flus u anżi jużahom bħala mezz biex jikkontrollaha;

- l-imġieba inkejjuża tiegħu fil-konfront tal-attriċi fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mal-mara Filippina (fejn iħalli r-ritratti u l-kartolini fejn tarahom, u adirittura jinkiha li sab waħda iżgħar minnu);

- it-theddid meta kien jaraha toħroġ (fil-fatt b'referenza għal okkażjoni meta daħlet id-dar wara nofsilejl wara li kienet barra mal-familja ta' binha, jinstema' jgħidilha f'waħda mir-recordings li "*ara haqq, kieku qbadtek waħdek, ma ġejtx miegħu, noqtlok kont*");

- it-tgħajjir (kliem baxx bħal "******", "******", "*****", "*****", "******", "******", adirittura anke man-neputi żgħir tiegħu jirreferi għaliha bħala "******").

28. Kwantu għall-attriċi, l-ewwel Qorti qieset il-verżjoni tal-attur li "*It-tgħajjir li kienet tgħajjarni ma kontx nista' nissaportih*", qieset l-affidavits ta' ulied il-partijiet u wkoll ir-*recordings* fejn l-istess partijiet jinstemgħu qegħdin jargumentaw, u rriżultalha li l-attriċi ukoll ma kinitx bla ħtija fit-tkissir taż-żwieġ. Irriżultalha li l-attriċi ma kinitx twarrab mill-argumenti u li l-qrid tagħha ċertament li kien itellef it-temperament lill-konvenut.

29. L-attriċi ma taqbilx ma' dik il-konklużjoni. Fir-rigward ta' dak li tinstema' tgħid fir-*recordings* tispjega li hija kienet sempliċement qegħda **tirreċta** sabiex joħroġ il-karattru tal-konvenut fl-istess *recordings*; u fir-rigward tal-affidavits ta' uliedha issostni li dawn jippruvaw kemm it-tort għat-tkissir taż-żwieġ huwa kollu tal-konvenut.

30. Din il-Qorti tikkonċedi li l-attriċi kienet fil-fatt qegħda tirreċta fir-*recordings*, madanakollu hija konvinta li l-qrid/provokazzjoni/tgħajjir li jinstema' da parti tagħha ma seħħx għall-ewwel darba dakinhar tar-*recordings*. Il-mod ta' kif targumenta mal-konvenut jindika kemm din mhux mara li toqgħod lura mill-argumenti u mit-tgħajjir; u jekk ġie stabbilit li l-konvenut m'għandux ilsienu taz-zokkor, l-istess jista' jingħad għall-attriċi. Il-kontenut u l-manjiera tat-tgħajjir li semgħet din il-qorti fir-*recordings* huwa ferm kompatibbli mal-asserzjoni tal-konvenut li *"…għal kull ħaġa ta' xejn kienet taqbad miegħi u targumenta anke quddiem it-tfal…".* Għalkemm huwa minnu li ulied il-kontendenti xehdu favur l-attriċi, ilkoll qalu li <u>bejn il-ġenituri</u> minn dejjem kien ikun hemm argumenti u ġlied kbir. Ovvjament wieħed ma jiġġilidx u jitgħajjar waħdu. Apparti dan kollu, il-konvenut fl-affidavit tiegħu jirrakkonta episodji ta' vendikazzjonijiet da parti ta' martu fil-konfront tiegħu, bħal per eżempju li kienet ixxarrablu s-saqqu biex ma jkunx jista' jorqod, titfa' spray fil-kamra meta taf li jbati bl-affan, taħbi l-ikel, eċċetra. Għalkemm f'dan ir-rigward hemm biss il-verżjoni tiegħu, l-attriċi għażlet li ma tikkontroeżaminahx.

31. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti ukoll tikkonkludi li l-attriċi għandha tort ukoll għat-tkissir taż-żwieġ, u meta wieħed jikkunsidra l-istampa kollha taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza li l-konvenut għandu ¾ tal-ħtija filwaqt li l-attriċi għandha ¼ mill-ħtija.

**Komunjoni tal-akkwisti**

32. L-ewwel Qorti qieset is-segwenti beni bħala li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti:

- id-dar matrimonjali[6] 27, Triq Mahatma Gandhi, Fgura u ż-żewġ garaxxijiet sottostanti (li ordnat li għandhom jinbiegħu fis-suq miftuħ, b'dan li jekk ma tinbiegħx kull parti tista' titlob il-bejgħ fis-subasta);

- il-vettura Peugeot[7] li hija valutata €6,000 (li ordnat li tiġi assenjata lill-konvenut);

- €10,000[8] fil-kont 40012556942 mal-BOV f'isem l-attriċi;

[6] il-ħames (5) proprjetajiet l-oħra li akkwistaw fiż-żwieġ huma lkoll fuq isem uliedhom u għalhekk ma qisihomx.
[7] it-tliet (3) vetturi l-oħra (Subaru, Seat Ibiza u Ford Escort), u li jintużaw mill-ulied, ma qisithomx peress li l-konvenut stess qal li ma jarax għaliex għandu joħodhom lura mingħand uliedu.
[8] Ammont eżistenti f'Novembru 2013, fol 79.

€9,000[9] fil-kont 40019157360 mal-BOV f'isem l-attriċi; u cirka €32,000[10] fil-kont 40020364537 mal-BOV f'isem iż-żewġ partijiet (fejn ordnat li l-attriċi tibqa' sid tad-depożiti fl-ammont ta' €19,000, u mill-kont konġunt, wara li l-konvenut jiżbanka €19,000, biex ikun ħa ammont ekwivalenti għall-attriċi, id-differenza imbagħad tinqasam bejniethom);

- l-għamara u l-*appliances* tad-dar matrimonjali (li ġew assenjati lill-attriċi);

- l-*appliances* u l-għodda li jinsabu fil-garaxx fejn jorqod il-konvenut (li ġew assenjati lill-konvenut).

33. Fl-appelli rispettivi tagħhom (ara *supra*) il-partijiet indikaw fejn jaqblu u fejn ma jaqblux mal-mod ta' kif l-ewwel Qorti iddeċidiet li għandhom jinqasmu. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji taż-żewġ partijiet fir-rigward tal-imsemmija oġġetti.

34. Fir-rigward tad-dar matrimonjali il-konvenut isostni li din ma kellhiex tiġi inkluża fil-qasma. Isostni li kellu jkun għalih u għall-attriċi li jiddeċiedu jekk jittrasferixxux is-sehem rispettiv tagħhom wieħed lill-ieħor, jew jekk inkella jbiegħuhiex. L-attriċi invece taqbel li d-dar matrimonjali tinbiegħ u

[9] Ammont eżistenti sa Lulju 2011, fol 125.
[10] Ammont eżistenti f'Ottubru 2013, fol 123.

r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet; għalkemm issostni li sakemm tinbiegħ id-dar, ir-raġel għandu jiġi allontanat mill-istess dar minħabba l-attitudni u sevizzi li jwettaq kontriha.

35. Din il-Qorti ma taqbilx li d-deċiżjoni dwar x'għandu jsir mid-dar kellha titħalla f'idejn il-kontendenti, kif isostni l-konvenut. Kieku riedu l-partijiet altru milli kellhom biżżejjed żmien sabiex jaslu fi ftehim. F'klima mimlija antagoniżmu li teżisti bejn iż-żewġ partijiet dan kien ikun żball kbir, u ċertament li kien ikun sors ta' iżjed diżgwid bejniethom. Kwantu għat-talba tal-attriċi li sakemm tinbiegħ id-dar għandu jiġi ordnat li l-garaxx fejn jabita l-konvenut ma jibqax jinfed iktar mad-dar, sabiex jiġi assigurat li fid-dar tibqa' tgħix esklussivament il-mara, il-Qorti m'hijiex konvinta mill-proposta tal-attriċi.

36. <u>Kwantu għat-tliet vetturi</u> intestati f'isem il-konvenut iżda li qegħdin f'idejn it-tfal (is-Subaru, is-Seat Ibiza u l-Ford Escort), ladarba l-konvenut kien esprima x-xewqa li ma kellux l-intenzjoni li jeħodhom mingħand uliedu, u l-ewwel Qorti għalhekk ma qisithomx bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ma jistax imbagħad il-konvenut jilmenta minħabba li bidel il-fehma tiegħu.

37. <u>Kwantu għall-kontenut tad-dar matrimonjali</u> (li l-ewwel Qorti assenjat lill-attriċi) u l-<u>kontenut tal-garaxx</u> (li l-ewwel Qorti assenjat lill-

konvenut) il-konvenut jilmenta li dawn kellhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti. Pero` dak mhu eżerċizzju faċli xejn li jsir, u għalhekk jidher li meta l-ewwel Qorti iddeċidiet li l-mobbli fid-dar għandhom ikunu assenjati lill-attriċi u dawk fil-garaxx assenjati lill-konvenut, dik l-ordni ngħatat għall-finijiet ta' prattiċita`. Il-Qorti tifhem li probabbilment l-attriċi ħadet mobbli b'valur ikbar minn dak li ħa l-konvenut (avolja ma saritx stima tal-mobbli). Kieku riedu l-partijiet kellhom kull opportunita` li jitolb lill-Qorti sabiex jinħatar perit tekniku biex jagħmel stima tal-mobbli u jaqsamhom f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati bix-xorti. Quddiem l-ewwel Qorti l-kawża ta' separazzjoni damet ħames snin, u għalhekk il-konvenut altru milli kellu biżżejjed żmien sabiex isir dak l-eżerċizzju.

38. F'kull każ jidher li għalhekk l-ewwel Qorti assenjat <u>il-vettura Peugeot</u> interament lill-konvenut (cioe` inkluż is-sehem tal-attriċi). Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li t-talba tal-attriċi appellata biex tieħu s-sehem tagħha mill-vettura (cioe` nofs l-€6,000) m'għandhiex tintlaqa'.

39. <u>Kwantu għall-kontijiet bankarji</u> l-attriċi tispjega li snin qabel il-partijiet kienu ser jisseparaw, qasmu l-kontijiet li kien hemm. Tgħid li għalkemm jidher li hija għandha €19,000 f'żewġ kontijiet f'isimha, żewġha kellu kontijiet ukoll iżda neħħa l-flus li kien fihom. Għalhekk ma taqbilx li qabel ma jinqasam l-ammont li għandhom fil-kont konġunt huwa għandu jieħu €19,000 minnu. Il-konvenut fir-risposta tiegħu għall-appell

inċidentali tal-attriċi jikkummenta li l-attriċi kienet kuntenta bis-sentenza tal-Qorti, u li imbagħad meta ippreżenta l-appell ħadet l-opportunita` biex titlob iktar. Il-konvenut m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza dwar id-depożiti bankarji.

40. L-ewwel Qorti ikkunsidrat li kif jirriżulta mix-xiehda tar-rappreżentanti tal-banek, kull wieħed mill-partijiet kellu depożiti oħra f'ammonti sostanzjali kemm mal-imsemmija banek, iżda dawk il-kontijiet ingħalqu u l-flus ittieħdu. Hija pero` osservat li ma tressqu l-ebda provi li jispjegaw x'sar mill-flus u għalhekk qieset u qasmet biss id-depożiti eżistenti fit-tliet kontijiet fuq imsemmija. Dwar dik il-parti tas-sentenza ma jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet appella.

41. Wara li l-Qorti rat ir-rendikonti bankarji li hemm fl-atti, jirriżultalha li l-ewwel Qorti qieset flus tal-attriċi (€9,000)[11] li kienu ilhom sentejn qabel il-kawża ta' separazzjoni li ġew żbankati mill-attriċi. Inoltre, mis-sentenza (ara paġni 390 u 391) hu evidenti li l-ewwel Qorti naqset milli tqis is-somma ta' €7,939.87 kienu għadhom fil-kont intestat f'isem il-konvenut. Id-dettalji tal-kontijiet bankarji huma s-segwenti:

| **Kontijiet f'isem il-konvenut** | | | |
|---|---|---|---|
| Bank | Nru tal-kont | Data | Bilanċ |
| BOV | 40012695832 | 28.02.2014 | € 6,000.83 |
| BOV | 40022019644 | 24.12.2013 | € 10.00 |
| BOV | 40019790138 | 15.06.2011 | € 0.00 |

[11] **Fil-fatt l-attriċi taċċenna għal dan il-fatt fl-appell inċidentali tagħha** (ara fol 440).

| | | | |
|---|---|---|---|
| BOV | 40019399403 | 21.10.2011 | € 0.00 |
| BOV | 40018722631 | 28.12.2010 | € 0.00 |
| BOV | 40016845604 | 09.01.2009 | € 0.00 |
| BOV | 40018439856 | 04.09.2010 | € 0.00 |
| HSBC | 087-006029-001 | 11.10.2012 | € 0.00 |
| Banif | 116149.18.001 | 04.02.2014 | € 0.03 |
| Banif | 116149.10.001 | 03.03.2014 | € 1,929.04 |
| Banif | 116149.20.001 | 23.01.2011 | € 0.00 |
| Banif | 116149.20.001 | 21.07.2011 | € 0.00 |
| Banif | 116149.20.003 | 26.10.2012 | € 0.00 |
| Banif | 116149.20.004 | 18.06.2013 | € 0.00 |
| Banif | 116149.20.005 | 29.10.2013 | € 0.00 |

| **Kontijiet f' isem l-attriċi** | | | |
|---|---|---|---|
| Bank | Nru tal-kont | Data | Bilanċ |
| BOV | 40012556942 | 22.11.2013 | €10,000.00 |
| BOV | 40011577883 | 24.12.2013 | € 571.69 |
| BOV | 40019157360[12] | 13.07.2011 | € 0.00 |
| Banif | 201260.10.001 | 27.04.2013 | € 0.00 |
| Banif | 201260.20.001 | 19.10.2012 | € 0.00 |

| **Kontijiet konġunti (attriċi u konvenut flimkien)** | | | |
|---|---|---|---|
| Bank | Nru tal-kont | Data | Bilanċ |
| BOV | 40020364537 | 26.10.2013 | €32,142.73 |
| BOV | 40016407738 | 06.08.2011 | € 0.00 |

42. Għalhekk l-attriċi jidher li kellha total ta' <u>€10,571.69</u> (f'żewġ kontijiet f'isimha) u l-konvenut jidher li kellu total ta' <u>€7,939.87</u> (minn tliet kontijiet fuq ismu, u mhux xejn). Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti mill-kont bankarju li hemm f'isem il-partijiet, il-konvenut għandu l-ewwel jieħu s-somma ta' **<u>€2,631.82</u>** u mhux €19,000 kif deċiż mill-ewwel Qorti.

**<u>Manteniment.</u>**

[12] Dan kien fih €9,000 – jidher li l-ewwel Qorti ma ndunatx li fil-fatt kienu ġew żbankati f'Lulju, 2011 iġifieri sentejn qabel bdiet il-kawża.

43. Fir-rigward tal-manteniment, l-ewwel Qorti ordnat lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali biex jgħodd flimkien dak dovut lil kull wieħed mill-konjuġi Marchett bħala pensjoni u benefiċċji oħra bħala anżjani, jaqsam it-total ugwalment bejniethom u jibgħat nofs lill-konvenut u nofs lill-attriċi. Inoltre ordnat lill-konvenut jgħaddi lill-attriċi is-somma ta' €300 kull xahar bħala manteniment, liema somma għandha tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

44. Il-partijiet ilmentaw dwar il-ħlas li jrid isir kull xahar lill-attriċi. Il-konvenut jgħid li għalkemm jaċċetta ċ-ċifra ta' €200 fix-xahar (skont id-digriet tas-6 ta' Awwissu 2013[13]), isibha inġusta l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha awmentat iċ-ċifra għal €300. Iħossu adirittura "offiż" għall-fatt li ġie ordnat iħallas lill-attriċi l-ammont ta' €300 fix-xahar. Jgħid li dan ser jippreġudikah serjament u jissuġġerixxi li l-attriċi, li tiftaħar li hija "ħawħa" u m'għandha l-ebda diżabilita` li timpediha milli taħdem, jekk trid iktar flus, għandha tmur issib impieg. L-attriċi min-naħa l-oħra tilmenta li €300 (barra dak li ser tieħu direttament mingħand id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali) hija ċifra baxxa wisq u talbet li s-somma tkun €400.

45. L-ewwel Qorti qalet li l-konvenut jirċievi €400 fix-xahar mingħand

[13] fil-fatt id-digriet ingħata fit-3 ta' Lulju 2013; fih il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi €200 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għaliha, b' dan li jibqa' jħallas ukoll il-kontijiet kollha in konnessjoni mad-dar matrimonjali. Fis-6 ta' Awwissu dan ġie kkonfermat, għaliex l-ewwel qorti ċaħdet rikors ulterjuri tal-attriċi għal iktar manteniment.

id-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali u ċirka €800 fix-xahar pensjoni mill-Awstralja. Min-naħa l-oħra qalet li l-attriċi m'għandhiex introjtu. Għalhekk ifisser li l-konvenut jirċievi qligħ ta' €14,800 fis-sena. L-attriċi talbet li bħala manteniment tirċievi somma ta' €400 kull xahar mingħand żewġha apparti dak li ser tkun qegħda tirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali.

46. Din il-Qorti, wara li qieset il-fatti kollha tal-każ (partikolarment l-eta` tal-konvenut, il-qligħ li għandu kull xahar, cioe` pensjoni ta' cirka €800 mill-Awstralja u pensjoni ta' cirka €427[14] mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali), jidhrilha li l-ammont ta' €300 li llikwidat l-ewwel qorti (oltre dak li ġie ordnat jibgħatilha d-Direttur tas-Sigurta` Soċjali) hu ġust.

**Spejjeż**

47. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju hu mingħajr bażi.

48. Ladarba instab li huwa ikkontribwixxa ¾ għat-tkissir taż-żwieġ huwa loġiku li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż f'dak is-sehem (ħlief fil-każ tal-ispejjeż u d-drittijiet notarili relatati mat-trasferiment tal-proprjeta` komuni, fejn l-ewwel Qorti ġustament ordnat li dawn għandhom jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali).

[14] cirka €400 kull erba' ġimgħat.

49. Kwantu għall-argument li m'għandux ikun hemm spejjeż jew drittijiet notarili meta ġie impost fuq il-partijiet li din tinbiegħ (fis-suq liberu jew bis-subbasta), u li m'għandux jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' xi avukat jew prokuratur legali li jistgħu ikunu involuti mingħajr ma jkun iddeċieda dwar l-għażla tagħhom, m'hemmx ġustifikazzjoni biex jintlaqa' dak l-ilment.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-appell billi:-

1. Tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut;

2. Tilqa' l–appell inċidentali tal-attriċi limitatament għal dak li jirrigwarda l-kont li hemm f'isem il-konjuġi Marchett li hemm mal-Bank of Valletta plc, fis-sens li minflok li l-konvenut jieħu s-somma ta' €19,000 qabel il-bilanċ jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet, għandu minflok jirċievi s-somma ta' elfejn sitt mija u wieħed u tletin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€2,631.82). Il-bilanċ li jibqa' jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

3. Għall-kumplament tiċħad l-appell inċidentali.

4. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

5. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu ħamsa minn sitta (5/6) mill-attriċi appellata u wieħed minn sitta (1/6) mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr